# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT: DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 151/15 FDP**

**Christopher John Spiteri (ID 505284M)**

**Vs**

**Carmelo Dimech (ID 97059M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2015 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin Euro rapprezentanti bilanc ta' somma dovuta ghall-bejgh tal-vettura Mercedes E350.

Bl-ispejjez u imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz gew notifikati permezz ta' affissjoni gewwa il-Kunsill Lokali Zebbug (Malta), l-Gassa tal-Pulizjia gewwa z-Zebbug (Malta) u l-indirizz ta' l-intimat. Rat illisaret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fil 25 ta' Settembru 2015 u fil-Malta Independent fl-14 ta' Ottubru 2015.

Rat illi il-konvenut, debibitament notifikat, naqas illi jaghmel risposta kif ukoll illi naqas illi jidher ghas-seduta tal 22 ta' Ottubru 2015.

Illi fis-seduta tat-21 ta' Ottubru, 2015 l-attur pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 13).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin Euro (€5,250) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**